## 4 ta' Ġunju, 1991

## Imħallef: –

## Onor. Joseph Said Pullicino B. A. (Hons.), LL.D.

Mary Vella *et*

*versus*

Josephine mart Carmel Bugeja

## Azzjoni Kumulattiva - Rekwiżiti.

*L-art. 156A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprospetta l-użu ta' l-azzjoni kumulattiva anke meta l-atturi mhux neċessarjament ikollhom l-istess interess fil-kawża kontra l-istess konvenut u meta t-talbiet jistgħu jkunu diversi anke jekk jiskaturixxu mill-istess ċirkostanzi.*

*Dan l-artikolu, iżda, bl-ebda mod ma jibdel dak li kien ammissibli fl-azzjoni kumulattiva "klassika" fejn numru ta' l-atturi, li għandhom l-istess interess, jaġixxu flimkien kontra l-konvenut, u b'azzjoni waħda jivvantaw kontra tiegħu l-istess dritt permezz ta' l-istess talba.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fl-20 ta' Mejju 1986, li biha l-atturi, wara li ppremettew li huma l-utilisti ta' art f'Raħal Ġdid tal-kejl...

*Omissis;*

...u l-konċissjoni enfitewtika mogħtija għal disgħa u disgħin (99) sena ser tagħlaq fil-ħdax (11) ta' Novembru 1986, waqt li l-konvenuta hi d-direttarja; u wara li ppremettew illi fuq l-istess art inbnew fondi abitati minn ċittadini Maltin u għalhekk tispetta lill-atturi l-opzjoni li jikkonvertu f'ċens perpetwu kif previst mill-liġi l-imsemmija konċessjoni enfitewtika - talbu għaliex il-konvenuta m'għandhiex tiġi kundannata (1) tersaq għall-att opportun ta' konversjoni f'ċens perpetwu taċ-ċens temporanju fuq l-art imsemmija u dana bil-*canone* ta' żewġ liri, tnejn u erbgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm2.42c5), moltiplikata għal sitt darbiet u dana bil-ministeru ta' nutar li jiġi nominat u bin-nomina ta' kuratur biex jirrapreżenta lill-kontumaċi fuq l-istess att;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta tal-5 ta' Marzu 1990 li biha eċċepiet illi l-att taċ-ċitazzjoni huwa null għaliex l-atturi ma osservawx id-dispost ta' l-artikolu 156 A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili la fiċ-ċitazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni;

Rat il-verbal tas-26 ta' April 1991 li biha l-kawża baqgħet differita għal-lum għad-deċiżjoni fuq din l-eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenuta qed teċċepixxi in-nullità ta' l-azzjoni in kwantu qed tippretendi illi l-atturi ma osservawx ir-rekwiżiti tal-artikolu 156 (A) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu, emenda reċenti tal-1985, hu maħsub biex jiffaċilita l-użu ta' l-azzjoni kumulattiva minn diversi atturi biex kemm hu possibbli jitnaqqas l-ammont ta' litigazzjoni f'ċerti każi. L-artikolu effettivament sa ċertu punt iwessa' il-każijiet meta tali azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Fil-fatt jipprospetta l-użu ta' dan it-tip ta' azzjoni kumulattiva anke meta l-atturi mhux neċessarjament ikollhom l-istess interess fil-kawża kontra l-istess konvenut u meta it-talbiet jistgħu ikunu diversi anki jekk jiskaturixxu mill-istess ċirkostanzi. Għal din ir-raġuni, l-artikolu jipprovdi, b'ċertu dettal, il-proċedura li għandha tiġi osservata mill-atturi fil-presentata taċ-ċitazzjoni u tesiġi li f'dawn il-każijiet kellhom neċessarjament isiru diversi domandi minn kull wieħed mill-atturi u kull wieħed minnhom kellu bil-ġurament tiegħu jikkonferma l-pretenzjoni partikolari tiegħu fid-dikjarazzjoni. Fin-nuqqas, tista' tiġi sollevata b'suċċess l-eċċezzjoni tan-nullità tal-atti kif diġa ġie hekk deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Il-konvenut qed issostni illi l-atturi kollha qed jivvanttaw

drittijiet individwali kontra tagħha u qed jippretendu illi għandhom id-dritt illi jesiġu li jikkonvertu iċ-ċens temporanju tal-fond ta' kull wieħed u waħda minnhom f'ċens perpetwu;

Il-Qorti, però, ma hiex ta' din il-fehma. L-artikolu 156 A bl-ebda mod ma jbiddel dak li kien minn żmien ritenut mill-ġurisprudenza bħala ammissibbli fl-azzjoni kumulattiva "klassika" fejn numru ta' atturi, li għandhom l-istess interess identiku, jaġixxu flimkien kontra l-konvenut u b'azzjoni waħda jivvantaw kontra tiegħu l-istess dritt permezz ta' l-istess talba. F'dawn il-każijiet, ir-rekwiżiti spjegattivi tal-forma elenkati fl-artikolu 156 A ma japplikawx. Dan għaliex dawn is-salvagwardji huma maħsuba biex jiġi assigurat li ma ikunx hemm preġudizzju għall-konvenut. Biex jiġi assigurat li ma ikun hemm l-ebda ambigwità jew inċertezza fid-diversi talbiet tal-vari atturi u biex l-istess konvenut ikun jista' adegwatament jopponi difiża għal dawn it-talbiet. Ċirkostanzi dawn li ċertament ma jidhirx li jirrikorru fil-każ preżenti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

1. Ma hemmx dubju li l-interess ta' l-atturi hu derivanti mill-istess titolu u li l-oġġett tal-kawża hu komuni għalihom ilkoll. Hu pruvat illi huma lkoll utilisti ta' partijiet mill-istess art konċessa lill-awturi tagħhom bl-istess konċessjoni enfitewtika u li l-konvenuta hija fir-rigward tagħhom ilkoll id-direttarja;

2. Huma lkoll qed jitolbu **flimkien** l-istess talba fil-konfront tal-konvenuta u ċjoè li t-titolu ta' enfitewsi temporanja

ta' l-art li fuqha hemm mibnija il-fondi fejn joqgħodu ċittadini maltin jiġi konvertit f'wieħed ta' enfitewsi perpetwa;

3. Huma lkoll qed jippremettu l-istess kawżali li, skond huma, jintitolahom jitolbu dan id-dritt li qed jivvantaw. Qed jippremettu illi l-fondi huma abitati minn ċittadini maltin u li *għalhekk jirrikorru iċ-ċirkostanzi li, skond il-liġi, tagħtihom id*-dritt li jressqu it-talba tagħhom. Din hi l-unika kawżali, komuni għall-atturi kollha, u ħadd minnhom ma hu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq xi premessa oħra;

4. Jirriżulta li ċ-ċens temporanju - għalkemm bil-liġi diviżibbli - għadu indiviż bejn l-atturi u għadu jiggrava il-proprjetà kollha li fuqha nbnew il-fondi tagħhom. Konsegwentement din l-istess konċessjoni enfitewtika unika tagħlaq għall-fondi kollha u għall-atturi kollha fl-istess jum u ċjoè fil-11 ta' Novembru, 1986;

5. Mill-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta ma jirriżultax li qed jiġu addebitati lill-atturi li jikkonkorru xi ċirkostanzi ta' fatt speċjali għal wieħed jew għall-ieħor mill-atturi li jistgħu b'xi mod jintralċjaw is-smigħ tal-kawża u d-determinazzjoni tat-talba ta' l-atturi minħabba konflitt ta' interess;

6. Lanqas jirriżulta dan mix-xhieda u d-dokumenti sa issa prodotti. Infatti jirriżulta proprju l-kuntrarju. Il-konvenuta u l-P.L. George Scicluna, li għandu interess bħala direttarju ta' parti mill-art *de quo*, dejjem ikkonsidraw li l-atturi kellhom l-istess interess identiku u li kienu flimkien qed javvanzaw l-istess pretensjonijiet li huma irreżistew. Dan hu ċar mill-ittra uffiċjali

tal-14 ta' Ġunju 1980 indirizzata lill-atturi kollha flimkien kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta u ta' żewġha, Carmelo Buġeja;

7. Il-Qorti hi tal-fehma li d-diversità ta' interess jew iċ-ċirkostanzi speċjali partikolari għal xi uħud mill-atturi li *se mai* jostaw għall-azzjoni kollettiva u konsegwentement jistgħu jipprovokaw in-nullità, irridu jirriżultaw mill-atti fil-bidu tal-proċeduri u huwa f'dak l-istadju li għandha issir l-oġġezzjoni tal-konvenut. Kif ġie ritenut fil-kawża ***Azzopardi vs Micallef,*** deċiża fis-16 ta' Diċembru 1953 (Vol. XXXVII. II. 810) "Jekk il-konvenut ma jitkellem xejn u **jiddefendi ruħu fil-mertu,** il-ġudizzju għandu jitkompla, imma jekk, għall-kuntrarju, il-konvenut jopponi ruħu għall-kumulu tal-ġudizzju u ma jikkontentax li, almenu, id-domandi jiġu disġjunti, iċ-ċitazzjoni fuq talba tiegħu għandha tiġi dikjarata "improponibbli" ". Dana fl-aħjar ipotesi għall-konvenuta. Ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan l-insenjament qabel l-emenda tal-1985, meta allura wkoll kienet prospettata proċeduralment in-nullità ta' l-atti f'ċerti determinati ċirkostanzi, ma għandux jiġi wkoll aċċettat għall-purgazzjoni tan-nullità avvanzata mill-konvenuta meta qed tagħti l-eċċezzjoni fi stadju avvanzat tal-kawża meta diġà inġabru ħafna provi fil-mertu;

8. Il-fatt li l-atturi ipproċedew b'azzjoni kumulattiva motivati b'interess komuni fl-istess mertu u b'talba waħda bażata fuq kawżali identika, ma jostax li 'l quddiem jista jirriżulta li tali talba tista' tiġi akkolta għal uħud mill-atturi u miċħuda fir-rigward ta' oħrajn jekk jirriżultaw ċirkostanzi li jiġġustifikaw tali diversità ta' deċiżjoni;

Mhux il-każ f'dan l-istadju li l-Qorti tirriproduċi dak li tgħid

il-ġurisprudenza *in materia*. Tillimita ruħha li tikkwota dan il-bran mis-sentenza ġa ċitata ***Azzopardi vs. Micallef*** biex tillustra l-ħsieb tagħha:

''Skond il-ġuristi rumani, l-identità tal-kwistjoni ma setetx waħedha tilleġittima ġudizzju kollettiv, imma kien ikun hemm bżonn ukoll tal-konkors ta' l-interess komuni. Fiż-żminijiet tagħna (qabel l-emenda, imma l-Qorti hi tal-fehma li xorta japplika għal każ in eżami) tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza huma fil-maġġoranza tagħhom ta' l-istess avviż billi, għad li ma jeskludux assolutament il-ġudizzju kollettiv, isostnu illi l-istess m'huwiex ammissibli **jekk mhux fil-konkors simultaneju ta' l-identità tal-kwistjoni li tkun trid tiġi riżolta** u **tal-komunanza ta' l-interess derivanti għall-atturi kollha mit-titolu u l-oġġett ta' l-azzjoni;** diversament il-konvenut jista' jopponi ruħu għall-kumulu, u ċ-ċitazzjoni tiġi allura dikjarata improċedibili bħala nulla;''

Din is-sentenza awtorevoli ġiet segwita minn oħrajn li abbraċċjawha pjenament. Fosthom **Grech *vs* Spiteri *nomine*** 14.6.1954 (XXXVIII.II. 496);**Nicosia *et vs* Borg** 12.10.1954 (XXXVIII.II.574); **Grima *et vs* Pave *et*** - 25.6.1956 (XL.II.840) u **Mintoff nomine *vs* Cassar** 29.11.1956 (XLII.901);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mill-konvenuta fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha u tiddiferixxi l-kawża għall-4 ta' Lulju għall-kontinwazzjoni.